MALTA

ATT Nru. XXXVIII ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta.

ACT No. XXXVIII of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Post Office Act, 1975.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

23 ta' Diċembru, 1988

ATT Nru. XXXVIII ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ Att XXXV ta' l-1975.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Post, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 19 ta' l-Att priċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (5), (6), (7) u (8) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (6), (7), (8) u (9) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(5) Il-postijiet l-oħrajn kollha għandhom ikunu mgħammra bi slot għall-ittri li tintlaħaq mill-ewwel mit-triq.";

(ċ) minflok in-nota marġinali għal dan l-artikolu għandu jidħol dan li ġej:

"Postijiet ikunu mgħammra b'kaxxi ta' l-ittri, eċċ."; u

(d) minnufih f'tarf is-subartikolu (8) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol il-proviso li ġej:

"Iżda l-*Postmaster-General* jista' f'ċirkostanzi speċjali bil-miktub jeżenta persuni milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 186 tad-19 ta' Diċembru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati